MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 462/2008

**A B u b'digriet tal-Qorti tal-24 ta' Ottubru, 2011**
**kunjom l-attrici jrid jaqra 'C'**

**-vs-**

**D B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' A B, li permezz tieghu, wara li ppremettiet:

Illi l-kontendenti kkontrattaw iz-zwieg fis-26 ta' Mejju 2001 u dana kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg anness u esebit u mmarkat bhala Dok. CX1;

Illi mill-imsemmi zwieg, il-kontendenti ma kellhomx tfal;

Illi l-kontendenti sseparaw legalment 'a mensa et thoro' permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar

Dottor Ian Spiteri tal-14 ta' Ottubru 2008 u dana ghar-ragunijiet hemm indikati, liema kuntratt huwa hawn anness u esebit u mmarkat bhala Dok. CX2;

Illi l-kunsens tal-kontendenti jew min minnhom hu vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-kontendenti jew min minnhom inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-attrici inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

Illi ghalhekk illi z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti huwa null u minghajr ebda effett fil-Ligi;

Illi ghalhekk kellu jigi intavolat dan ir-rikors guramentat.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

Tiddikjara li z-zwieg hawn fuq imsemmi celebrat bejn il-kontendenti fis-26 ta' Mejju 2001 huwa null u minghajr ebda effett fil-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ta' D B, li in forza taghha eccepiet:

Illi fl-ewwel lok trid issir il-korrezzjoni fil-kunjom tal-attrici peress fil-kuntratt ta' separazzjoni persoanli tal-kontendenti, l-attrici rrivertiet ghal kunjom xbubitha, u cioe' C.

Illi fil-mertu, l-esponent jaqbel illi z-zwieg tal-kontendenti li gie celebrat fis-26 ta' Mejju 2001 hu null, ghar-ragunijiet u kawzali imputabbli liz-zewg kontendenti u li huma indikati fil-premessi numerati 4 u 5 fir-rikors guramentat.

Illi l-intimat, pero', jikkontesta l-kawzali indikata fil-premessa numerata 6 fir-rikors guramentat.

Rat id-dokumenti.

Rat l-affidavit prodotti.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi l-partijiet f'din il-kawza zzewgu fis-sena 2001 wara gherusija ta' seba' snin, li hafna minnhom, l-intimat ghexhom fl-istess dar, dik tal-genituri tar-rikorrenti. Ghexu hemm ghal xi zmien wara z-zwieg ukoll. Miz-zwieg ma twieldux tfal. Sfaxxa finalment meta z-zewg partijiet bdew relazzjoni ma' terzi. Ir-rikorrenti issa qed titlob dikjarazzjoni ta' nullita' ghal diversi ragunijiet fosthom dik kontemplata fl-Art. 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta li testwalment jipprovdi ghal:

"*Jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.*"

F'materja ta' eskluzjoni, irid jigi senjalat il-principju espress minn dawn il-Qrati illi:

"*.... l-eskluzjoni posittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens*", ("**Theresa Taguri nee' Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe**", deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fl-10 ta' Novembru 1999).

Dawn il-Qrati konsistentement irritenew ukoll:

"*L-element tal-prokreazzjoni tal-ulied dejjem gie meqjus mill-Qrati taghna bhala element fundamentali fil-hajja matrimonjali tant li fis-sentenza '***David Mangion vs Maria Sciberras***' (P.A. (NA) 10 ta' Novembru 1999) inghad li: 'Ma hemm ebda ombra ta' dubju li l-prokreazzjoni huwa wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga' (vide: E vs F [P.A. 1 ta' Lulju 1994]).*

*Illi konsegwentement, il-Qrati taghna dejjem sostnew illi l-eskluzjoni tal-ulied jikkostitwixxi simulazzjoni parzjali tal-kunsens li jgib mieghu n-nullita' taz-zwieg innifsu. Tant huwa essenzjali l-bonum prolis illi sahansitra meta l-eskluzjoni tal-ulied tkun kundizzjonata, il-Qrati taghna rritenew illi z-zwieg huwa null. Hekk fil-kawza fl-ismijiet: '***Elizabeth Zammit nee Consiglio vs John Zammit***' (P.A. 14 ta' Marzu 1986), il-Qorti rriteniet illi z-zwieg kien null peress illi l-konvenut dahal ghaz-zwieg bil-kundizzjoni tal-eskluzjoni tal-ulied jekk l-attrici ma tibdilx il-karattru taghha*", ("**John Micallef Engerer vs Corinne Camilleri**", deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fit-22 ta' Ottubru, 2002).

Fil-kaz in ezami, l-attrici tixhed hekk:

"*Meta konna gharajjes u konna nitkellmu fuq it-tfal, D dejjem kien jghidli li ma kellniex ikollna tfal mal-ewwel, pero' qatt ma eskluda li jkollna t-tfal aktar tard. Meta konna mizzewgin u kont insemmi t-tfal, D kien jghidli li kif ahna komdi u ma ghandniex bzonn tfal. Jiena ma kontx naqbel mieghu ghax dejjem emmint li ghandu jkollna familja.*"

Oht ir-rikorrent tghid:

"*Quddiem kulhadd hu dejjem kien jghid li ma jridx tfal, u meta kont nghidlu li ahna qed nahsbu ghat-tfal, kien jghidli li lanqas johlomha. Dan id-diskors kien ovvjament jghidu quddiem ohti A.*

*Meta nqbadt tqila kien jghid minn kollox quddiemi biex ohti zgur ma tithajjarx. Kien ipingiha li hajjithom kienet tkun vera difficli minflok igawdu, izda hu kellu skopijiet ohra.*"

Hu jammetti:

"*Hu minnu dak li qed tghid A fl-affidavit taghha li minn mindu konna gharajjes jien kont nghidilha 'ma nixtieqx li jkollna tfal mill-ewwel, 'il quddiem nergghu naraw'. Meta zzewwigna kien hemm l-ispejjez tad-dar li konna xtrajna, u l-piz finanzjarju ma kienx wiehed zghir. Min-naha l-ohra A bdiet tinsisti li jkollna t-tfal, u hija bdiet tiffissa fuq dan il-fatt. Jien bqajt insostni l-istess kliem ghax bdejt inhoss li l-piz kien ser ikun wiehed kbir hafna fuqna.*"

Fid-dawl tas-suespost, ghalhekk, din il-Qorti hi tal-fehma li r-rikorrenti rnexxielha tipprova dak li allegat sal-grad rikjest mil-ligi.

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tiddikjara li z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fis-26 ta' Mejju 2001 huwa null u bla effett.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------